MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 1665/2005

**Vincent Calleja (ID nru 100151M)**

**vs**

**Thomas Busuttil u skond il-verbal tat-30 ta' Novembru 2007 jizdiedu l-kliem "f'isem u ghan-nom ta' TEG Industries Limited"**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 t'Awissu 2005, fejn l-attur ghad-ditta Kelly Industries qed jitlob il-hlas ta' elf erba' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm1482.46) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsenjata lill-konvenut kif mieghu pattwit u liema prezz baqa' mhux imhallas.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-23 ta' Marzu 2005.

Ra r-**risposta** tal-konvenut ipprezentata fit-8 t'Awissu 2006 fejn eccepixxa illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-ligi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut ma kienitx il-persuna li ordnat ix-xoghol minghand l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tad-29 ta' Novembru 2006 fejn id-difensur tal-konvenut spjega illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kienet msejjsa fuq l-Artikolu 2148(a) u 2149 (a) tal-KAP 16.

Sema' x-xhieda ta' l-attur Vincent Calleja fis-seduta mizmuma fid-29 ta' Novembru 2006 fejn ikkonferma illli kien ilu jaf lill-konvenut ghal madwar tletin sena u li dejjem kien lura fil-hlasijiet u fl-ahhar zmien waqa' lura sew. Ix-xhud esebixxa *statement* illi gie mmarkat bhala Dok VC1 konsistenti fi *statement of account* tal-konvenut.

Ix-xhud ikkonferma ukoll illi peress illi l-kont kien daqxejn goff ricentement, meta l-konvenut sar *TBS Limited* hu ma baqax jikkonsenjalu *on credit* u ghalhekk il-konvenut kien ihallsu tax-xoghol illi kien jiehu, pero` l-bilanc kien dejjem baqa' dovut. L-attur ikkonferma ukoll illi kien ifakkar lill-konvenut sabiex jeffetwa l-pagament.

Ikkonferma ukoll illi madwar xahrejn ilu kien kellem lill-konvenut ghax rega' gie jixtri xi affarijiet minn ghand ix-xhud, kien assigurah illi dak li hu tieghu kien ser jiehdu wara li tinqatalu xi kawza li kellu pendenti.

L-attur esebixxa ukoll sett ta' dokumenti konsistenti f'*invoices* li gew mmarkati Dok TA.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Thomas Busuttil fis-seduta ta' l-14 ta' Frar 2007 fejn ikkonferma illi qed jaghraf il-firma tieghu fuq xi dokumenti murija lilu li jindikaw illi hu kien iffirma ghal-merkanzija illi kienet xtrat il-kumpanija li kien jisimha Teg Industries Limited.

Illi Dok TA effettivament jikkonfermaw illi l-invoices kienu jinharrgu mill-attur fuq Tad Industries.

Illi fis-seduta tal-14 ta' Frar 2007, d-difensur ta' l-attur talab illi jirregola ruhu in vista tat-tieni eccezzjoni u tad-deposizzjoni tal-konvenut.

Illi di fatti l-attur ippresenta rikors u talab il-kjamat in kawza ta' TEG Industries Limited, liema talba giet akkolta.

In segwitu ghan-notifika tas-socjeta` kjamata in kawza, l-istess TEG Industries Limited ppresentat risposta fl-24 t'April 2009 fejn eccepiet illi t-talba hi preskritta ai termini tal-ligi u dan abbazi tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

L-attur, mressaq biex jixhed fid-19 ta' Jannar 2010, ikkonferma ili l-ahhar konsenja ta' merkanzija li kienet saret kien f'Novembru tal-1995.

L-Artiklu 2156(f) tirreferi ghall-preskrizzjoni kwinkwennali. Mix-xhieda ta' l-istess attur jirrizulta illi l-ahhar konsenja li saret lis-socjeta` kjamata in kawza kienet f'Novembru 1995. Ma jirrizulta illi ma saret ebda ittra ufficjali u ma jirrizulta illi l-preskrizzjoni ma giet interrota jew sospiza b'ebda azzjoni li setghet twassal ghal dan.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal sejjer jghaddi biex jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` ukoll l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mis-socjeta` kjamata in kawza.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal, wara illi ra l-atti kollha u evalwa l-provi kollha prodotti, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` ukoll l-eccezzjoni tas-socjeta` kjamata in kawza u jichad t-talbiet attrici in kwantu illi l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur filwaqt illi l-azzoni attrici hija preskritta fil-konfront tas-socjeta` kjamata in kawza.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------